MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 378/2005

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C B nee' D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li l-partijiet izzwegu fil-25 ta' Awissu 1990 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness Dok. A.

Peress li minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri E kif jidher mic-certifikat tat-twelid anness Dok B.

Peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew id-dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-artikolu 19(1)(d) tal-istess Att dwar iz-zwieg.

Peress ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga a tenur tal-artikolu 19(1)(f) tal-istess Att dwar iz-zwieg.

Peress li ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-25 ta’ Awissu 1990 huwa null u bla ebda effett bil-ligi.

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex din l-Onor Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti hu null u bla effett a tenur tal-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) ta’ l-att tal-1975 dwar iz-zwieg Kap 255.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet li, ghalkemm taqbel mat-talba attrici, m’ ghandhiex tbati spejjez;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

***Azzjoni***

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-25 ta’ Awissu 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” huwa vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha

taghha l-konvenuta tiddikjara li taqbel ma’ dak li qed jitlob l-attur.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fil-25 ta’ Awissu 1990 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sentejn u nofs. Erba’ snin wara, fid-9 ta’ Frar 1994, il-partijiet kellhom tarbija kif pjanat u mixtieqa mit-tnejn. Wara konvivenza ta’ “ghaxar [10] snin nieqes gurnata”[1] il-partijiet isseparaw de facto, u llum il-gurnata t-tnejn jghixu mal-partners rispettivi taghhom.

Illi fid-deposizzjoni tieghu l-attur jghid li l-inkwiet bejn il-partijiet beda tlett [3] gimghat wara z-zwieg [ghalkemm fl-affidavit tieghu jghid li “wara biss sitt gimghat bdejna b’ inkwiet kbir”[2]]. Beda l-glied bejnu u bejn martu, u kien jerfa’ idejh fuqha. Huwa jilmenta li mit-twelid tat-tarbija, martu warrbitu minn hajjitha u li ghaliha hu kien qisu ma jezistix. Jghid li wara xi sentejn u nofs mit-twelid tat-tarbija l-koppja waqqfu r-relazzjonijiet intimi bejniethom, u konsengwentement, wara circa seba snin mid-data taz-zwieg huwa fittex mara ohra. Huwa jammetta li, fiz-zmien l-gherusija, wara li kien iwassal lill-konvenuta d-dar, huwa kien jibqa’ barra jixrob ma’ hbiebu u dan ad insaputa tal-konvenuta.

Il-konvenuta minn naha taghha tghid li li mill-bidu taz-zwieg, circa tlett gimghat wara, l-attur kien refa’ jdejh fuqha u sussegwentement kien hadha drawwa jsawwatha meta kienu jitlewmu. Hija kienet tilmenta mieghu, u skond l-attur tghajjat mieghu, peress li kien johrog wahdu filghaxijiet ma hbiebu, bil-konsegwenza li kien jitraskura lil martu. Hija tikkonferma li t-tnejn kemm huma xtaqu tarbirja li twieldet fiz-zmien kif kien pjanat. Tammetti li mat-twelid tat-tarbija, imhabbtitha tefghetha kolla fuq it-tarbija u lill-attur kienet tinjorah ghal kollox. Sussegwentement hi dahhlet f’ relazzjoni ma’ terza persuna.

[1] Fol.56
[2] sottolinera tal-Qorti

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel l-lok huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi min jallega l-fatt ghandu l-oneru li jipprova l-fatt minnu allegat;

[2] Illi fl-ezami tal-validita' o meno ta' zwieg civili l-mument krucjali huwa dak tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u l-fatti sussegwenti, jekk qrib dan il-mument, jista' jkollhom relevanza biss jekk jaghtu dawl fuq il-forma mentis tal-partijiet fl-imsemmi mument.

***Discretio Judicii***
Illi l-ewwel kawzali attrici hja bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat imputat liz-zewg partijiet.

In propositu jigi osservat li l-konvivenza matrimonjali twila bejn il-partijiet, li matulha dawn, wara ftit snin ta' zwieg, kellhom tifla kif pjanat u mixtieq minnhom, jimmilita' kontra din il-kawzali, da parti taz-zewg partijiet.

Inoltre, ghalkemm huwa minnu li meta zzewwgu, il-partijiet, il-konvenuta kienet ghadha pjuttost ta' eta' zghira, izda mill-banda l-ohra hija kellha l-eta' preskritta mill-ligi sabiex tikkuntratta zwieg validu, u ghalhekk tinholoq il-presunzjoni *juris tantum* li hija kellha d-discretio judicii necessarju sabiex tikkuntratta zwieg civili. Fil-kaz odjerna ma giex provat il-kuntrarju. Mill-provi ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali dina kienet affetta minn inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li tagharaf u tirrifletti u li tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet japplikaw ukoll ghall-attur li fid-data taz-zwieg kellu 24 sena. Il-Qorti tosserva li l-fatt li dana, anke waqt il-konvivenza matrimonjali wera li ried ukoll jibqa' johrog ma hbiebu, liema fatt kien fonti ta' inwkiet bejn il-koppja, ghalkemm jista' jservi bhala bazi

ghal separazzjoni personali, jekk jikkonkorru c-cirkostanzi opportuni; izda dan per se ma jistax iserbi ta' substrat validu legalment ghall-annullament taz-zwieg. Fil-kaz in disamina ma jirrizultax li l-attur ma kienx jaf x' inhuma l-obbligi matrimonjali tieghu, jew li ma riedx jesegwihom; izda ried *modus vivendi* li ma kienx accettabbli ghall-konvenuta.

Illi f' dan l-istadju din il-Qorti tosserva li ghandha r-riservi taghha dwar il-veracita' ta' din il-versjoni tal-partijiet. Ghalkemm dawna sostnew li l-inkwiet "kbir" beda ftit gimghat wara z-zwieg, xorta wahda ftit tas-snin wara ddecidew li jkollhom tarbija, u inoltre damu jghixu ma xulxin "10 snin nieqes gurnata." li huwa perijodu verament twil meta jigi kkunsidrat fid-dawl tal-versjoni taghhom li l-inkwiet serju beda tlett gimghat wara z-zwieg.

F' dan il-kaz jirrizulta li l-partijiet kienu hadu d-decizjoni libera li jizzewwgu, kienu ppjanaw ghaz-zwieg u kienu anke bl-ghajnuna tal-genituri xtraw id-dar konjugali; u ma jirrizultax li l-konvenuta jew l-attur ma kellhomx certu dixxerniment dwar l-impenji tal-hajja matrimonjali.

Huwa opportun li jigi osservat f' dan l-istadju, li gie ritenut fil-gurisprudenza abbraccjata minn dawn il-Qrati, li la decizjoni zbaljata, la decizjoni bazata fuq motivi zbaljati, u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti biex jintegraw dan il-caput nullitatis. Inoltre, jigi ribadit li z-zmienijet turbolenti tal-konvivenza matrimonjali, jistghu jghatu lok ghal separazzjoni personali, izda ma jissotisfawx l-estremi ta' l-annullament li fuqhom l-attur qed iserrah il-kawzali tieghu. Ghalhekk anke din il-kawzali ma tirrizultax sostnuta mill-provi.

**Simulazzjoni**

Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, li jikkontempla bhala wiehed mill-capita nullitatis l-kaz fejn il-kunsens matrimonjali ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Illi fil-kaz odjerna, din il-kawzali ma tirrizultax provata u b' mod lampanti. Il-Qorti hija konvinta li ebda wiehed mill-partijet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ma eskluda z-zwieg in-nifsu, jew xi obbligu matrimonjali essenzjali. Il-fatt li l-attur gieghli refa' idejh fuq martu l-konvenuta, anke jekk minnu, stante li ma tressqux provi ulterjuri in propositu, ma jwassalx necessarjament ghall-integrazzjoni ta' dan il-*caput nullitatis*. Kif lanqas ma jwassal ghas-simulazzjoni l-fatt li l-attur ried jibqa' johrog filghaxijiet. Il-provi juru li meta z-zewwgu, il-partijiet damu jghixu f' konvivenza matrimonjali ghal zmien relevanti, u di piu' wara tlett snin ta' zwieg kienu ppjanaw u ppruvaw b' success li jkollhom tarbija. Dawn il-fatti jimmiltaw kontra din il-kawzali li fil-fehma tal-Qorti ma tinsabx sostnuta minn provi adegwati.

Jigi ribadit li l-fatt li llum il-gurnata l-partijiet qed jghixu kuntenti mal-partners rispettivi taghhom, u kif ukoll li z-zwieg taghhom ma' xulxin falla bazikament fuq nuqqas ta' qbil bejniethom u forsi nkompatibilita' ta' karattru, ma jissodisfawx, fic-cirkostanzi rrizutlaw provati, l-estremi rikjesti mill-ligi ghall-annullament u li fuqhom hija bazata l-azzjoni ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tikkunsidera li t-talba attrici mhijiex gustifikata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------